30 ta' Ġunju, 1949.

Imħallef:

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

Anthony Camingena *versus* Alfred Flask (*)

**Sentenza — Nullità — Żball fid-Data — Subizzjoni — Art. 702 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Żball fid-data tas-sentenza ma jimpurtax in-nullità tas-sentenza, meta jidher minn indizji oħra meta kien sewwa li s-sentenza ġiet proferita.*

*L-espressjoni "għandek tidher biex tixhed" ma tammontax għal sejħa għas-subizzjoni, għax ma tottemperax il-vot tal-liġi. Għalhekk sentenza mogħtija fil-kontumaċja tal-konvenut li rċieva l-avviż bil-kliem "għandek tidher biex tixhed", u mhux bil-kliem "għandek tidher għas-subizzjoni", hija sentenza nulla għax bażata fuq subizzjoni nulla, u mhux sostnuta minn ebda prova oħra valida u legali; u kull sentenza trid tkun bażata fuq prova legali.*

Il-Qorti, — Rat l-avviż ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £10 a saldu ta' somma akbar għal xogħol magħmul akkont tal-konvenut; b-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mil-Qorti fuq imsemmija fis-26 ta' April 1949 fejn laqgħet it-talba ta' l-attur bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat illi wara li rat in-nota tas-subizzjoni għall-kapitoli lilu mogħtija l-konvenut baqa' kontumaċi, u għalhekk il-kapitoli huma konfessati;

(*) Maqtugħa fil-meritu fl-4 ta' Novembru, 1949.

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u ċ-ċitazzjoni tiegħu fejn talab illi dik is-sentenza tiġi revokata, billi tiġi respinta t-talba ta' l-attur; bl-ispejjeż;

Tikkunsidra;

Illi l-appellant eċċepixxa illi l-ewwel sentenza hija nulla għaliex, kif jidher mid-dokument fil-fol. 3, donnha ġiet profferita fis-26 ta' Mejju 1949, mentri dak in-nhar ma kienx hemm seduta, u s-seduta kienet fis-26 ta' April 1949. Dan però huwa evidentement żball materjali, u ġie pruvat illi dik id-data ġiet hekk traskritta għaliex fis-sentenza mogħtija mill-Qorti kien hemm dik id-data; iżda dan juri illi għalkemm il-Qorti kitbet 26. 5. 49, dan kien evidentement bi żball, għaliex jidher ċar mid-data meta l-kapitoli ġew approvati, li kien fis-26. 4. 49. Imbagħad dak li kitbet il-Qorti meta pprofeiet is-sentenza mhuwiex l-oriġinal, u lanqas ma kien rikjest li jkun hemm l-ebda data fih; meta l-kopja tas-sentenza ġiet magħmula, dik id-data tas-26 ta' Mejju 1949 qatt ma kellha titniżżel, peress illi kien jidher ċar illi s-sentenza ġiet profferita dak in-nhar tas-seduta li tidher mill-kopja ta' l-istess sentenza, ċjoè fis-26 ta' April 1949, kif jidher mill-oriġinal stess tas-sentenza;

Għalhekk tirrespinġi dik l-eċċezzjoni bl-ispejjeż kontra l-appellant;

Tikkunsidra;

Illi kif ġie deċiż minn din il-Qorti reċentement f'każ bħal dan, "Ellul utrinque", deċiż fit-30. 3. 49, skond il-liġi hija ħaġa magħrufa illi min irid l-avversarju għas-subizzjoni għandu jsejjaħlu għal dak il-fini, għaliex is-subizzjoni hija ħaġa serja peress illi timporta ammissjoni tat-talbiet jekk il-parti tkun kontumaċi. Għalhekk dik il-parti għandha tiġi avżata għal dan il-fini; u l-liġi — art. 702 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili — tgħid illi fil-kawżi quddiem il-Qrati ta' kompetenza limitata t-talba mill-attur għas-subizzjoni tal-konvenut issir fiċ-ċitazzjoni. jew jekk hemm avviż, bħal dan il-każ, tista' ssir verbalment meta l-attur ikun qiegħed jagħmel it-talba għat-taħrika tal-konvenut, u dan jiġi mgħarraf b'hekk bi twissija espressa fl-avviż imsemmi f'dak l-artikolu. Għalhekk fiċ-ċitazzjoni jew fl-avviż dejjem kien jingħad illi l-konvenut

huwa imsejjaħ għas-subizzjoni — ħaġa li ssir anki fil-proċedura permezz ta' ċitazzjoni, ta' libell, u tal-petizzjoni quddiem il-Qrati Superjuri; mentri fil-proċedura bl-avviż quddiem il-Qorti Inferjuri xi drabi hemm l-użu illi minflok isir hekk, u għalhekk issir it-talba espressa għas-subizjoni, jingħad sempliċement, kif sar f'dan il-każ, "għandek tidher biex tixhed". Dik l-espressjoni, kif ġie deċiż fis-sentenza fuq imsemmija, "Ellul utrinque", deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Marzu 1949, ma tottemperax il-vot tal-liġi; għaliex meta l-konvenut ikun imsejjaħ biex jixhed mhux vwoldiri li neċessarjament l-attur qiegħed irid is-subizzjoni tiegħu, u mhux is-sempliċi xhieda tiegħu. Peress illi dik hija liġi odjuża, li tippreżumi konfessjoni, għandha tiġi puntwalment osservata;

Tikkunsidra;

Illi la darba taqa' dik is-subizzjoni peress illi l-konvenut ma ġiex debitament imsejjaħ, allura, la darba ma hemm l-ebda prova oħra, is-sentenza ma għandhiex bħala bażi l-ebda prova, u għalhekk is-sentenza stess hija nulla; għaliex kull sentenza trid tiġi bażata fuq prova legali;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk miġjuba fis-sentenza fuq imsemmija, li huma adottati;

Tilqa' l-eċċezzjoni tan-nullità tas-subizzjoni, u għalhekk tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti; u in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ tordna illi l-ispejjeż jitħallsu in kwantu għal żewġ terzi mill-appellat u terz mill-appellanti (barra dawk fuq deċiżi); u tordna illi dawn l-atti jiġu rimessi lill-Ewwel Qorti għat-trattazzjoni u deċiżjoni tal-kawża skond il-liġi.